C/2026/2055

1.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12389 – GIM / TCR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2055)

1. Fit-18 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Global Infrastructure Management, LLC ("GIM", l-Istati Uniti), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn BlackRock, Inc. (l-Istati Uniti),

— TCR Group ("TCR", il-Belġju), ikkontrollata minn 3i Group plc (ir-Renju Unit).

GIM se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' TCR.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— GIM hija l-maniġer tal-fond tal-infrastruttura indipendenti globali ta' Global Infrastructure Partners u hija primarjament iffokata fuq l-investiment fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija, tal-iskart, tal-ilma u tal-infrastruttura diġitali,

— TCR hija primarjament attiva fil-kiri ta' servizz sħiħ ta' tagħmir ta' appoġġ fuq l-art lil ground handlers, ajruporti u linji tal-ajru indipendenti globalment. TCR tipprovdi wkoll servizzi ta' tiswija u manutenzjoni (l-aktar fuq flotta mikrija, iżda wkoll fuq flotta mhux mikrija/ta' parti terza) u servizzi ta' ġestjoni tal-flotta.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12389 — GIM / TCR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.